**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

**26/19**

**Is-Sitta u għoxrin (26) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar is-26 ta' Mejju, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużati:** | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Degabriele | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Aġenda:

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-Ġurnata:
   (a) Rapport Amministrattiv
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.45 ta' filgħaxija.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li s-Sinj. Elizabeth Vella ma setgħatx tkun preżenti għal din il-laqgħa minħabba li kienet xogħol bħala "Counting Assistant".

*2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 24/19 ttieħdu bħala moqrija

Fis-6:50 pm wasal wieħed mill-membri tal-Kunsill is-Sur Jonathan Brimmer.

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti 24/19**

2.2.1 Minuta 4 (b) - wara l-kelam "skużati" tiżdied il-frazi "għall-kumplament tal-laqgħa".
2.2.2 Minuta 5.4 - titneħħa l-kelma "parrokjali" u issir "parrokkjali".
2.2.3 Minuta 5.4 - titneħħa l-kelma "Tieġ" u issir "tieġ"
2.2.4 Minuta 6 - wara l-kelma "aġġornata" tiżdied il-frażi "għat-tkomplija tagħha".

2.3 Il-Minuti tal-laqgħa 24 ġew approvati unanimament wara li ġew ikkoreġuti.

2.4 Il-Minuti 25/19 ttieħdu bħala moqrija

2.5 **Korrezzjoni tal-Minuti 25/19**

2.5.1 Minuta 2.8 – wara l-kelma "il-għan" titneħħa il-frażi "ser jgħin" u wara l-kelma "s-Sindku" tiżdied il-kelma "ser".
2.5.2 Minuta 4 (396) - titneħħa l-kelma "kine" u issir "kien".
2.5.3 Minuta 4 (409) - titneħħa l-kelma "wheelcahir" u issir "wheelchair"

2.6 Il-Minuti tal-laqgħa 25 ġew approvati unanimament wara li ġew ikkoreġuti.

3. **Affarijiet li jitqajmu mill-minuti**

3.1 **Minuti 24/19**

3.1.1 Minuta 3.4 – Is-Sindku nforma lill-membri li rigward ix-xogħol li jrid isir fi triq l-Imsida l-kuntrattur iffirma garanzija li kien talab il-Kinsill u ser iżommu responsabbli sas-sena 2020.

3.1.2 Minuta 4 (a) - Ir-rendikont finanzjarju Jan – Mar 2014 ġie ppreżentat wara li kien rivedut u issa l-finanzi indikattivi tnaqqsu bi 15% u b'hekk il-finanzi qegħdin mal-linji gwida tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

3.1.3 Minuta 4 (c) – Is-Sindku staqsa lil Viċi Sindku Jonathan Brimmer rigward il-paġna ta' facebook. Is-Sur Brimmer informa lill-membri li għadu kemm lesta l-kitba fuq l-istorja ta' Santa Venera u li qabel ser jgħaddi din il-kitba għal opinjoni tal-membri sabiex wara jkun jista' jtellagħha fuq il-paġna tal-facebook.

3.1.4 Minuta 5.4 – Is-Sindku informa lill-membri li rigward l-attivita' Akkwadott Iffjurit tas-7 ta' Ġunju, 2014 *jidher li għandna programm imzewwq* b'*attivitajiet* varji. Bħala *spejjeż il-kunsill* ser jeżawrixxi €1500 fondi li ġew allokati mill-Gvern Lokali u ser juża wkoll €500 li kienu ġew allokati mill-kunsill. Barra minn hekk is-Sindku informa lill-membri li l-għaqdiet tal-lokal ser jinvolvu ruħhom sew f'din l-attivita'.

F'dan l-istadju, fis-7.15 ta' filgħaxija is-Sur Jonathan Brimmer ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

3.1.5 Minuta 5.6 – Is-Sindku informa lill-membri li fis-6 ta' Mejju 2014, l-Action Group tal-Mini Reġjonali ltaqa' għall-ewwel darba. Preżenti kien hemm is-sinjuri, Philip Cachia, Michael Hudson, Lino Spiteri u Stanley Azzopardi. Huma tkellmu fuq provi xjentifiċi li jridu jinġabru sabiex l-action group ikollu provi ċari u solidi li f'din iż-żona teżisti problema. Ġie maqbul li dawn il-provi jridu jaraw il-kwalita' tal-arja, il-volum tal-ħsejjes, l-impatt ekonomiku fuq id-djar u l-familji, is-saħħa tar-residenti u traffic count. Apparti dan kollu l-Action Group ikkuntattja lill-Profs Alfred Vella mill-Universita' ta' Malta fejn miegħu ddiskuta din il-problema. Il-Professur Vella hu xjenzat li diġa wettaq diversi studji ambjentali f'pajjiżna.

**3.2 Minuti 25/19**

3.2.1 Minuta 2.9 – Is-Sindku nforma lill-membri li fil-bini tal-Kunsill għaddejja l-esebizzjoni artistika li l-istudenti tal-ħames sena tal-iskola primarja għamlu. Din l-esebizzjoni hija miftuħa għall-pubbliku sas-6 ta' Ġunju, 2014. Is-Sindku ppropona li għandu jingħata ċertifikat lil dawn l-istudenti.

Il-Membri qablu unanimament

3.2.2 Minuta 6.1 – Is-Sindku informa lill-membri li l-protest ġudizjarju dwar ir-roundabout ser jiġi preżentat. Dan il-protest dar minħabba l-fatt li l-Kunsill Lokali ta' B'kara ma jistgħux jaħdmu fil-konfini tagħna mingħajr ma jkollhom l-awtorizazzjoni tal-Kunsill ta' Santa Venera.

**4. Korrispondenza**

**4.1** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kumpanija Teatrali Dun Mikiel Xerri jixtiequ li jagħmlu użu mill-Ġnien Romeo Romano nhar is-Sibt 5 ta' Lulju, 2014 sabiex jorganizzaw riċeviment għall-membri u ħbieb li taw sehemhom matul l-aħħar staġun teatrali. Barra minn hekk din il-kumpanija offriet li tagħmel Lejla Maltija (Vendriza) għal żmien il-festa f'isem il-Kunsill bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet ta' Santa Venera. Is-Sindku s-suġġerixxa li din għandha ssir fil-11 ta' Lulju b'tema relata mal-Istorja ta' Santa Venera. Il-Kunsill ikun irid jipprovdi l-PA system u dawl.

Il-Membri qablu unanimament

**4.2** Is-Sindku nforma lill-membri fuq l-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Petroni fejn ġie mitlub sabiex issir "no parking bay" fil-viċinanzi.

Is-Sindku u l-membri unanimament ma qablux ma' din it-talba ġaladarba li din ma tagħmilx parti mill-policies ta' TM.

**5. Skeda ta' pagamenti**: Approvazzjoni

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament.

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

## 6. Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 432 sa lment numru 452.

Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

| | |
|---|---|
| 432 | Applikazzjoni ma' Transport Malta |
| 433 | Ninfurmaw il-kuntrattur tal-ġonna |
| 434 | Ħaddiema Assenjati |
| 435 | Applikazzjoni ma' Transport Malta |
| 436 | Azzjoni ttieħdet |
| 437 | Skip ma tistax issir |
| 438 | Green Warden |
| 439 | Niktbu lil Transport Malta |
| 440 | L-ewwel trid issir mill-kuntrattur |
| 441 | Azzjoni ttieħdet |
| 442 | Applikazzjoni ma' Transport Malta |
| 443 | Ninfurmaw lil min għamel l-ilment biex jipprovdilna r-ritratti tal-faċċata u ninfurmawh bil-proċedura tat-TM. |
| 444 | Applikazzjoni ma' Transport Malta |
| 445 | Ħaddiema Assenjati |
| 446 | Applikazzjoni ma' Transport Malta |
| 447 | Applikazzjoni ma' Transport Malta |
| 448 | Ninfurmaw lill-kuntrautur tal-knis għall-ħaxix ħażin u lis-Sanita' dwar il-ġrieden |
| 449 | Applikazzjoni ma' Transport Malta |
| 450 | Ħaddiema Assenjati |
| 451 | Is-Sid irid jagħmel dikjarazzjoni li wara li jitlesta ix-xogħol il-mera terġa titwaħħal fejn kienet. |
| 452 | Ħaddiema Assenjati |

## 7. Ordnijiet tal-Ġurnata

Is-Sindku nforma lill-membri sabiex jaqraw ir-rapport amministrattiv u jiġu bis-suġġerimenti għal waqt il-laqgħa li jmiss.

## 8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati

Ma kien hemm l-ebda minuti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati li ġew preżentati waqt is-26 laqgħa.

## 9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

Is-Sindku informa lill-Membri li għal din il-laqgħa ma kellux komunikazzjonijiet.

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

**10 Aġġornament**

L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.35 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum:

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt